# 1954 SENA MARJANA
## NOSTALĠIJA FILATELIKA

Jikteb CARMELO SCICLUNA BONNICI

*Qegħdin f'nofs Sena Marjana mnedija mill-Q.T. l-Papa Ġwanni Pawlu II nhar Pentecostè, l-Ħadd 7 ta' Ġunju 1987. Madwar tlieta u għoxrin sena ilu, fl-1954, il-Q.T. l-Papa Piju XII, ukoll kien nieda Sena Marjana fl-okkażjoni ta' l-Ewwel Ċentinarju mill-Proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Immakulat Konċepiment ta' Marija, fit-8 ta' Diċembru 1854. Kienet okkażjoni li qajmet interess mad-dinja kollha, saħansitra l-Uffiċċji Postali ta' diversi pajjiżi riedu jagħtu l-kontribut tagħhom f'dan ir-rigward.*

Permezz tal-bolol postali, dawn il-pajjiżi ħallew irreġistrat dan l-avveniment fl-istorja tal-filatelija. Malta wkoll assoċjat ruħha f'din il-manifestazzjoni bil-ħruġ ta' tliet bolol postali li fihom ġie riprodott il-Kwadru Titulari tal-Parroċċa tagħna. Dan is-sett huwa meqjus it-tieni fis-sbuħija tal-bolol ta' dik l-okkażjoni.

Ser insemmi l-pajjiżi li l-aktar spikkaw bil-bolol tagħhom. Fl-ewwel post insibu lill-Gżejjer Filippinni li ppubblikaw bolla waħdanija li turi lill-Immakulata Kunċizzjoni ta' Murillo stampata fuq







kulur blu. Warajhom tiġi Malta bis-sett li semmejna u fit-tielet post insibu lil Saar, stat fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja li ħarġu bolla waħda fuq pittura ta' Holbein u li turi lill-Madonna bil-Bambin. Din il-bolla hija l-akbar fid-daqs.

Spanja akkwistat ir-raba' post bl-akbar sett ta' għaxar bolol, kollha b'kulur wieħed b'burdura



F. BORG GAUDA

LADIES', GENT'S & CHILDREN'S SHOES



Shop 3, Block A, Bormla Wharf Cospicua, Tel: 826974

Sliema Radio Store

70a, THE STRAND, SLIEMA — Tel. 334655

RADIO — HI-FI Stereo Equipment, Cameras

"MEGA & SEKO" Public Address Equipment for

*Schools, Clubs, Churches, Meetings, etc.*

ORGANS AND MUSICAL INSTRUMENTS







tad-deheb. L-Uffiċċju postali Spanjol rriproduċa diversi pitturi u statwi magħrufa fosthom il-Verġni Marija ta' Begona, id-Dehra tal-Madonna f'Saragozza, il-Verġni Marija ta' Almulina, dik ta' Gwadalupe u dik ta' l-Afrika. Fil-ħames post insibu lill-Vatikan b'sett ta' sitt bolol, tlieta juru lil Papa Piju IX jipproklama d-Domma ta' l-Immakulata u tlieta juru lil Papa Piju XII jipproklama d-Domma ta' l-Assunta.

Fost il-pajjiżi l-oħra li ħarġu bolol għal dik l-okkażjoni, hemm il-Brażil b'żewġ bolol, waħda turi lill-Madonna bil-mappa tal-Brażil u l-oħra turi ċ-Ċentinarju tad-Domma ta' l-Immakulat Konċepiment tal-Madonna. Il-Kolumbja ħarġet żewġ bolol, li juru lill-Madonna ta' Chiqunquira.

Eire, l-Irlanda ħarġet sett ta' żewġ bolol li juru lill-Madonna bil-Bambin fuq pittura ta' Della Robbia. L-Italja sserviet b'żewġ pitturi ta' żewġ artisti kbar, waħda tal-Madonna ta' Perugino u l-oħra ta' Michelangelo. Fl-aħħarnett Liechtenstein li ħarġu bolla waħda li turi lill-Madonna bilqiegħda bil-Bambin f'idejha.

Nixtieq nesprimi s-sodisfazzjon tiegħi għall-fatt li l-Uffiċċju Postali Malti għażel proprju l-Kwadru Titulari tagħna, mpitter fl-1828 mill-Prof. P.P. Caruana fuq talba tar-Rev. Kan. Ludoviko Mifsud Tommasi għas-Santwarju Nazzjonali ta' l-Immakulata Kunċizzjoni.

"IL-WEFI"
VICTOR AGIUS

GĦAL ŻEBGĦA, INJAM, ASBESTOS U
AFFARIJIET TA' L-ELETTRIKU U PLUMBING
U ĦAFNA AFFARIJIET OĦRA
UTLI GĦAD-DAR.





TINSEWX
VICTOR AGIUS 6-9, ST. THERESA STR., COSPICUA



ANTOINE PHOTO STUDIO
(FUQ SAN PAWL)

56, St Francis Street, Cospicua.
Tel. 828077/224117

Fejn tista' tibbukkja għal ritratti tat-Tieġ u Engagement.

PROFESSIONAL VIDEO ALSO AVAILABLE. (PREZZIJIET MODERATI)

ISSIBU WKOLL VARJETA' KBIRA TA' ALBUMS U FRAMES TAR-RITRATTI.